Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,480, 30 ta' Settembru, 2003
Taqsima B

A.L. 265 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TA' L-ANNIMALI (ATT XXV TA' L-2001)

Regolamenti ta' 2003 dwar ż-Żamma ta' Annimali Selvaġġi f'Stabilimenti Żooloġiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 7(2) u l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-2001 dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u L-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Stabilimenti Żooloġiċi.

(2) L-oġġettivi ta' dawn ir-regolamenti huma li jipproteġu fawna selvaġġa u li jikkonservaw il-biodiversità billi jipprovdu għall-adozzjoni tal-liċenzjar u l-ispezzjoni ta' stabiliment żooloġiċi fit-territorju ta' Malta biex isaħħu r-rwol tal-stabilimenti żooloġiċi fil-konservazzjoni tal-biodiversità.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 1999/22/EEC dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fi stabilimenti żooloġiċi.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunxtitlob xort' ohra -

(1) "Stabilimenti Żooliċi" tfisser l-istabbilimenti permanenti kollha fejn jinżammu għal wiri lill-pubbliku għal sebat ijiem jew aktar fis-sena, l-annimali ta' speċi selvaġġa bl-eċċezzjoni taċ-ċirku, ħwienet tal-*pets* u stabbilimenti li s-Servizzi Veterinarji teżenta mill-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti minħabba f' li ma jesibixxux numru sinifikanti ta' annimali jew ta' speċi lill-pubbliku u li l-eżenzjoni ma tfixkilx l-oġġettivi ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Barra minn dan, "sieħeb fil-kummerċ" għandha jkollha l-istess tifsira kif provdut fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u għandha tinkludi l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropeja.

Ħtiġijiet applikabbli għal ġonna żoloġiċi.

3. Is-Servizzi Veterinarji għandha tieħu l-miżuri taħt ir-regolamenti 4, 5 u 6 biex tiżgura li l-istabilimenti żoloġiċi kollha jimplimentaw dawn il-miżuri ta' konservazzjoni li ġejjin, jiġifieri -

(1) jipparteċipaw fir-riċerka li minnha l-benefiċċji ta' konservazzjoni jgħinu lill-ispeċi, u, jew jittrenjaw f'ħiliet ta' konservazzjoni relevanti, u/jew il-bdil ta' informazzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċi u/jew, fejn xieraq, ta' trobbija fil-magħluq, it-tiġdid tal-popolazzjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' l-ispeċi fl-abitat selvaġġ,

(2) jippromwovu l-edukazzjoni pubblika u għarfien dwar il-konservazzjoni tal-biodiversità, b'mod partikulari billi jipprovdu informazzjoni dwar l-ispeċi esibiti u l-abitat naturali tagħhom,

(3) jakkomodaw l-annimali tagħhom taħt kondizzjonijiet li jimmiraw li jissodisfaw il-ħtiġijiet bijoloġiċi u ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi ndividwali, fost l-oħrajn, billi jipprovdu lill-ispeċi titjib speċifiku ta' l-għeluq; u jżommu standard għoli ta' trobbija ta' l-annimali bi programm żviluppat ta' trattament veterinarja kemm preventiva kif ukoll ta' kura u ta' nutrizzjoni;

(4) jevitaw il-ħarba ta' l-annimali sabiex jevitaw theddid ekoloġiku possibbli lill-ispeċi indiġeni u jevitaw id-dħul ta' insetti jew annimali li jeqirdu u vermini minn barra,

(5) iżommu reġistri aġġornati tal-kollezzjoni tal-istabilimenti żooloġiċi, xierqa għall-ispeċi reġistrati.

Liċenżjar u spezzjoni.

4. (1) Id-Direttur, fuq il-parir tal-Kunsill għat-trattament xieraq ta' l-Annimali, għandu jadotta miżuri għal liċenzjar u spezzjoni ta' stabilimenti żooloġiċi eżistenti u ġodda sabiex jiżgura li jintlaħqu l-ħtiġiet tar-regolament 3.

(2) Kull stabiliment żooloġiku għandu jkollu liċenzja fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jew, fil-każ ta' stabilimenti żooloġiċi ġodda, qabel ma dawn jinfetħu għall-pubbliku.

(3) Kull liċenzja għandha tinkludi l-kondizzjonijiet li jinfurżaw il-ħtiġiet tar-regolament 3. Il-ħarsien ta' dawn il-kondizzjonijiet għandu jkun verifikat fost l-oħrajn, permezz ta' spezzjonijiet regolari u għandhom jittieħdu passi xierqa biex jiżguraw din il-konformita.

(4) Qabel ma tingħata, jew tkun rifjutata l-liċenzja, jew jiġi estiż il-perjodu tagħha, jew tiġi emendata b'mod sinifikanti, għandha ssir spezzjoni minn uffiċjali ta' l-*Animal Welfare* sabiex jiddeterminaw jekk ikunux qed jiġu milħuqa jew le l-kondizzjonijiet ta' liċenzjar jew il-kondizzjonijiet proposti tal-liċenzji.

(5) Jekk l-istabiliment żooloġiku ma jkollux liċenzja skond dawn ir-regolamenti jew il-kondizzjonijiet tal-liċenzja ma jinżammux, l-istabiliment żooloġiku jew parti minnu-

(a) għandu jingħalaq għall-pubbliku mis-Servizzi Veterinarji; u, jew

(b) għandu jkun konformi mal-ħtiġijiet xierqa imposti mis-Servizzi Veterinarji biex jiżgura li jintlaħqu l-kondizzjonijiet tal-liċenzja.

Jekk dawn il-ħtiġijiet ma jkunux milħuqa f'perjodu xieraq li għandu jkun determinat fi żmien sena, is-Servizzi Veterinarji għandha tirtira jew timmodifika l-liċenzja u tagħlaq l-istabiliment żooloġiku jew parti minnu.

Għeluq ta' stabilimenti żooloġiċi.

5. Fil-każ li jingħalaq l-istabiliment żooliku jew parti minnu, is-Servizzi Veterinarji għandha tiżgura li l-annimali involuti jkunu trattati jew imneħħija taħt

kondizzjonijiet mogħtija minn dan l-istess Dipartiment u konsistenti ma' l-għanijiet u d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Piena għal min jonqos mill-obbligi.

6. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-Att ta' l-2001 dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn Lm10,000.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tista' ukoll tordna lill min jinsab ħati li għamel reat taħt dawn ir-regolamenti, tħallas l-ispejjeż magħmula mis-Servizzi Veterinarji bħala riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u l-konfiska, żamma u tneħħija tal-c*orpus delicti*.